**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-26 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 49/2021 JPG**
**Kawza Numru : 18**

**LMC**
**vs**
**L-Avukat Dr. Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li permezz ta' Digriet datat it-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti NK**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' LMC datat 9 ta' Frar 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) f'T G, liema żwieġ ġie reġistrat f'Malta, kif jirrizulta miċ-Ċertifikat taż-Żwieg tar-Reġistru Pubbliku mal-preżenti anness u mmarkat bhala '**Dok A**'.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldu l-ebda ulied.*

3. *Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minħabba illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba sevizzi, moħqrija, thedid, eċċessi u inġurja gravi da parti tal-intimat fil-konfront tal-esponenti, kif ukoll minħabba il-fatt illi l-intimat ġie deportat minn Malta, u ilu nieqes minn pajjiżna sa minn Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Għalhekk il-ħajja tal-kontendenti flimkien m'għadhiex aktar possibbli.*

4. *Illi l-esponenti ġiet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, li jinsab mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok B**'.*

5. *Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u għalhekk kellha ssir din il-kawża bl-ispejjeż kontra l-intimat.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u previa kull provvediment ieħor li din l-Onor. Qorti jidrilha huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi Muscat Conti u Kavtaradze għar-raġunijiet premessi imputabbli lill-intimat, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabilment.*

2. *Tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kull jedd għall-manteniment tiegħu skond il-Liġi.*

3. *Tiddikjara xjolta il-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni, taqsamha f'żewġ porzjonijiet u tassenja waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimat, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess kommunjoni, u billi jiġi nominat nutar sabiex jiriċievi l-att relativ u kuratur sabiex jirrapresenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.*

4. *Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti id-dispożjonijiet tal-artikolu 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili.*

5. *Tordna lill-intimat sabiex iħallas jew jikkonsenja lill-esponenti skond il-każ il-krediti u propjeta' parafernali tagħha skond il-każ, u in oltre', tiddikjara illi s-sehem indiviż mill-fond 13, Eva House, Triq il-Kononku Bonnici, Ħamrun huwa propjeta' parafernali tal-attriċi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt minn issa stess in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta Guramentata datata 15 ta' Ottubru 2021 tal-avukat Christopher Chircop u l-prokuratur legali Liliana Buhagiar detentrici sabiex jirraprezentaw lil assenti NK:

1. *Illi l-esponenti jaghtu ruhhom b'notifikati b'dan ir-rikors guramentat.*

2. *Illi hija l-attrici li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi trid ikun l-attrici li permezz tal-provi mressqa minnha jikkonvincu lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qeghda taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati.*

3. *Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat illi l-kuratur Dr Christopher Chircop bghat korrispondenza lill-intimat, minn liema korrispondenza ma rrizultat ebda risposta, ghaldaqstant iddikjara li ma ghandux provi x'jipproduci (vide fol 353);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**L-attrici xehdet nhar is-27 ta' Jannar 2022 (vide fol 25A et seqq.)** u spjegat illi hija kienet iltaqghet mal-intimat tramite facebook fis-sena 2015 u kienet ghamlet sentejn titkellem mieghu, meta ddecidiet li titla hdejh il-G. Tixhed illi l-intimat ried li jizzewwigha u filfatt hekk gara wara ghaxart ijiem li kienet ilha l-G. Illi sussegwentement, hija nizlet lura Malta, regghet telghat il-G. Illi f'April imbaghad, nizel l-intimat. Illi huma kienu jirrisjedu f'fond gewwa l-Mellieha fuq titolu ta' kera. Hija kienet tahdem granet shah ghaliex l-intimat kien ghadu ma sabx xoghol. Huwa kien qalilha li l-G huwa kellu xi hanut tal-Antikita u anke kien jaghmel xoghol ta' taxi driver qabel ma spicca bla xoghol. Filfatt meta telghat l-ewwel darba G, huwa kien diga bla xoghol.

Tispjega illi sakemm kienu l-G, l-ewwel darba kienet qaghdet f'*hotel*, pero t-tieni darba marret toqghod mieghu fid-dar taz-zijiet tieghu. Illi ghall-ewwel xaharejn, kollox kien sewwa, illi pero lejn l-ahhar gimgha ta' Gunju 2017 bdiet tinnota li l-intimat kien qed jagixxi b'mod stramb, jippassigga wahdu, jitkellem mal-hajt, donnu qiesu qieghed jitkellem ma terza persuna, illi pero hija ma setghatx tifhem l-import ta' dak li kien qed jghid ghaliex kien qieghed jitkellem bil-lingwa tieghu. L-ghada kienet qamet ma tiflahx, marret ghand it-tabib u wara li giet minghand it-tabib, sabet dahna. Hija staqsietu x'kien qieghed jaghmel, peress li kienet ghadha kif nadfet kullimkien.

Hu skuza ruhhu u qalilha li ser inaddaf kollox. Illi mal-hin, l-intimat rega beda jippassigga wahdu, u jitkellem mal-hajt u fil-pront staqsiha fuq is-sikkina li kienu ghadhom kif xtraw ftit qabel. L-attrici tirrileva illi dak il-hin gie mahkuma minn biza' tremenda, libset, u gabet skuza li ser tmur iccempel lill-missierha ghaliex ma kienx hemm *reception* tajba u kif harget hdejn il-*lift*, l-intimat mar warajha u gibidha lura. Dak il-hin beda jisma diski koroh hafna, u kif kienet ser tmur taqleb id-diski, qabadha minn ghonqha. X'hin staqsietu x'inhu jaghmel talabha skuza u hallieha. Kif ratu sejjer lejn il-kamra tas-sodda, telqet tigri, fethet il-bieb, qabdet il-baskett u harbet tigri l-barra fit-triq, minghajr lanqas ma kienet taf fejn. Issostni illi dak il-hin hakmitha biza kbira. Tiftakar illi dak il-hin cemplet kugina taghha u din marret ghaliha tigri u haditha ghand il-Pulizija u minn hemm hija skopriet affarijiet li ma kinitx taf bihom. L-Ghassa ghamlet

rapport, u filfatt marru ghalih hames CIDs u x’hin gew lura infurmaha illi l-intimat ma kienx qieghed fi stat mentali tajjeb. Filfatt il-pulizija kienu sabuh gharwien huta. L-ghada saret taf illi ma kienux arrestawh, izda haduh l-isptar Mount Carmel, u ghamel tlett xhur rekoverat fl-isptar Mount Carmel.

Sussegwentement kienet cemplitilha Prof Maria Axiaq u talbitha tmur tkellimha. Meta marret, kienet hemm hames tobba u anke *security*, u infurmawha illi l-intimat kien ibghati minn *Schizophrenia*, u kienet qaltilha illi ghalkemm din id-darba helsitha, hajjitha kienet f’perikolu. Illi f’hin minnhom gabitu hdejha, u lanqas bdiet tgharfu, wiccu bhal donnu inbidel. Bdiet isaqsih hafna affarijiet u x’hin staqsietu jekk jidejjaqx li kieku joqtol lil xi hadd, huwa wiegibha fin-negattiv. Illi dak il-hin hija infaqghet tibki. L-intimat kien ghamel tlett xhur *Mount Carmel* u wara siefruh lejn pajjizu akkompanjat minn zewg tobba. Wara li gie deportat, l-attrici kienet kellmitu biex tara li wasal u qatt ma kellmitu iktar. Izzid illi anke minn facebook nehhietu ghaliex sar ghandha *phobia* minn kollox. Tikkonferma illi l-intimat qieghed joqghod maz-zijiet tieghu pero’ lilha hadd ma qalilha xejn dwar l-intimat.

Mistoqsija **in kontro-ezami** jekk ghandhiex xi indirizz, l-attrici tirrileva illi hija m’ghandha l-ebda indirizzi ghaliex meta kienet marret kien gie ghaliha l-intimat u hadha hemm.

**Maria Axiaq, konsulenta psikjatrika xehdet viva voce nhar it-30 ta’ Marzu 2022** *(vide fol 51 et seq)* u tispjega illi l-intimat kien idahhal l-isptar *Mount Carmel* f’ Gunju tas-sena 2017 u kien iddahhal taht il-kura taghha u ghamel hemmhekk sas- 16 ta’ Awwissu 2017. L-intimat kien dahal b’kondizzjoni ta’ psikosi u kellu bzonn il-kura, li ovjament inghatat. Huwa kien offrilhom dokumenti li kienu mahruga mill-Istat tal-G fejn huwa kien diga qieghed jigi kkurat minhabba skizofrenija u kien f’zewg sptarijiet differenti gewwa pajjizu. Huwa kien qieghed jinghata *Closapene* li hija xi trattament li tinghata bhala *last resort*. L-intimat kien indikalhom illi l-kondizzjoni tieghu kienet wahda severa. Ix-xhud tixhed illi hija ma setghatx tikkurah fit-totalita’ u kien ghalhekk illi baghtitu lura go pajjizu fejn ghandu s-support ta’ familjari.

Mistoqsija fuq kif gie ammess l-intimat, ix-xhud tindika illi huwa gie ammess bil-karti iffirmati taht il-Ligi tas-Sahha Mentali u cioe **kontra** l-volonta’ tieghu, filfatt kien gie skortat mill-pulizija. L-intimat kien gie ammess gewwa s-***Seclusion Unit*** u kien ukoll fi stat agitat hafna. Ix-xhud tirrileva illi potenzjalment kien hemm anke xi aggressjoni minhabba l-fatt li kien qieghed jahseb hazin f’kulhadd. Ix-xhud kienet tkellmet mal-attrici u kienet spjegatilha illi l-istat mentali tal-intimat kien wiehed inkwetanti anke ghaliha, ghaliex kien qieghed jahseb hazin fiha,

ossia li kellha relazzjonijiet ma' ohrajn, u filfatt tramite il-ligi tas-sahha mentali kienet pprojbiet lill-intimat milli jkellem lill-attrici ghaliex bdiet tinwkieta li kieku kellu jaraha bhala *visitor* kien ser jaghmel ghaliha. Ix-xhud tishaq illi kienet spjegat lill-attrici ir-raguni il-ghaliex kienet ser tibghatu lura pajjizu. Fir-rigward kura, ix-xhud tispjega illi fil-bidu kien qieghdin jaghtuh pilloli pero ma kienx qieghed johodhom, illi sussegwentement fit-3 ta' Awissuu, bdiet taghtih il-medicina forma ta' *injection – long release injection Clopixol 400*- illi fir-rigward tad-decisjoni ta' ripatriazzjoni tal-intimat, ix-xhud tispjega illi kien jidher car illi l-familja tieghu kienu a konoxxenza tal-kundizzjoni tieghu, b'mod specjali z-zija tieghu u ghalhekk kellu *support network* ahjar. Huwa mar lura flimkien ma' infirmiera u tabib li sa sahansitra wassluh u ghaddewh lid-Dirigenti ta' sptar fil-G.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba eccessi, sevizzi u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti." Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dicembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li***

> ***minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB*** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Frar 2017, f'Tbilisi, l-G. Illi sussegwentement iz-zwieg gie registrat Malta u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4* tal-atti, u jgib in-numru ta' iskrizzjoni 238/2019. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal, u l-konvivenza tal-partijiet kienet wahda relattivament qasira. Illi mix-xhieda mhux kontestata tal-attrici jidher illi l-partijiet kienu iltaqghu *tramite social media* u kienu ghamlu zmien jitkellmu b'dana il-mod. Eventwalment huma iltaqghu f'G, fejn minn hemm izzewwgu u ghexu perjodu qasir flimkien. Illi llum il-gurnata l-intimat jinsab lura l-G filwaqt li l-attrici qieghda Malta. Meta gew Malta, l-attrici bdiet tinduna illi l-intimat beda jagixxi b'mod stramb billi jitkellem mal-hajt u f'temp qasir hafna indunat li hajjitha kienet f'perikolu. L-intimat gie migbur gharwien huta mill-Pulizija sabiex jigi mehud l-isptar Monte Carmeli. Id-dianosi tal-intimat kienet Skrizzofrinja Paranoia.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali

tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat. Il-Qorti rat illi minkejja tenattivi da parti tal-Kuraturi Deputati sabiex jaghmlu kuntatt mal-intimat, tali kuntatt ma rnexxix. Illi ghalhekk u in vista ta' dan il-fatt, din il-Qorti hija kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici.

Illi mill-assjem tal-provi esebiti in atti din il-Qorti hija konvinta illi huwa tal-agir tal-intimat li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet. Mir-rizultanzi probatorji huwa evidenti illi l-intimat zamm il-kundizzjoni tieghu (Skizzofrenija Paranojika) mistura mill-attrici, kundizzjoni illi ngiebet a konoxxenza tal-attrici wara l-incident li sehh fit-30 ta' Gunju 2017, meta l-intimat aggrediha u heddidha li ser joqtolha, incident li huwa wkoll korraborat minn rapport tal-Pulizija *a fol 34 et seq* tal-atti. Illi filfatt din il-Qorti rat dak indikat mill-Pulizija fir-rapport esebit in atti datat 30 ta' Gunju 2017, fejn l-intimat informa lill-Pulizija illi "*if he found a knife he would have killed her."*

Mit-testimonjanzi in atti jidher illi l-ischizophrenia tal-intimat immanifestat ruhha f'komportament aggressiv, instabbli, isteriku u dispreggattiv fil-konfront tal-attrici fil-ftit xhur li huma ghexu flimkien, b'dana illi hajjet l-attrici kienet spiccat f'perikolu serju. Illi filfatt kif xehdet Dr Maria Axiaq (Psikjatra), hija ma ppermettitx li l-attrici tkun vizitatrici tal-intimat.

Filwaqt illi din il-Qorti tifhem illi l-intimat ma kellux u m'ghandux kontroll fuq l-agir jew ghemil tieghu, din il-Qorti tqis illi xorta wahda ***mhuwiex gust***, illi l-intimat hallha mistur u heba ghal kollox il-kondizzjoni mentali tieghu mill-attrici meta huwa kien konsapevoli ta' kollox. Illi iktar u iktar in vista tal-fatt li l-intimat kien unilateralment waqqaf il-kura li kienet giet preskritta lilu mit-tobba tieghu gewwa l-G, fejn kien diga' qieghed jiehu l-kura f'zewg sptarijiet ghal istess kundizzjioni ta' skizzofrenija. Illi din il-Qorti rat kif din l-esperjenza trawmattizat lill-attrici tant li qatghet kull kuntatt minn mal-intimat u l-hsieb biss li terga' jkollha kuntatt mal-intimat johloq fiha biza' kbira. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti s-sisien taz-zwieg tal-partijiet kienu essenzjalment mibnijja fuq semplici infattwazzjoni, *piu* l-fatt li l-intimat zamm il-kondizzjoni tieghu u l-gravita' tal-istess kondizzjoni totalment mistura mill-attrici, waqt li ghazel li jwaqqaf hserem il-medjazzjoni kollha, certament rrenda mpossibbli l-hajja konjugali flimkien b'dana illi z-zwieg tkisser irrevokabilment.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

"***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40,***

***tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu."***

Illi minkejja li l-attrici ma resqitx numru sostanzjali ta' provi sabiex tikkorabora dak rilevat minnha, din il-Qorti tqis illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija wahda verosimili u kkorroborata minn provi oggettivi li gew prodotti mix-xhieda dettaljata tal-Psikjatra tal-intimat Dr Maria Axiaq. Fil-fehma tal-Qorti, il-vjolenza fizika, emozzjonali u psikologa pperpetrata mill-intimat kontra r-rikorrenti, ghalkemm forsi dawn kienu biss konsegwenzi kiefra tal-kondizzjoni tal-intimat, jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattiraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ai termini talArtikolu 51 tal-Kodici Civili, u ghalhekk ser jigu applikati l-effetti imsemmija f'dana z-zewg artikoli hekk kif mitlub mir-rikorrenti.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Mill-atti jirrizulta illi fiz-zwieg brevi tal-partijiet, il-partijiet qatt ma xtraw propjeta immobbli jew mobbli, lanqas ma saru investimenti, wisq anqas faddlu xi flus. Illi filfatt huma dejjem abitaw f'residenza fuq titolu ta' kera. Illi di piu', jirrizulta illi l-intimat kien ghadu disokkupat waqt li kien Malta u kienet l-attrici biss li kienet f'impjieg.

Illi mid-dokumentazzjoni esebita mir-rapprezentanti tal-banek lokali jidher l-attrici ghandha kont bankarju intestat f'isimha u kif jidher il-maggior parti tal-flus kien dhul antecendenti ghaz-zwieg u allura parafernali. Mit-testimonjanza tal-attrici, din il-Qorti semghet kif l-intimat tul il-perjodu brevi li ghamel gewwa Malta, qatt ma hadem, u kienet l-attrici illi dejjem hadmet sabiex tipprovdi ghalihom it-tnejn. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dan kollu u fid-dawl tal-applikazzjoni tal-artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-intimat, din il-Qorti tqis illi dan il-kont bankarju, flimkien mal-kontenut tieghu ghandu jigi assenjat esklussivament lill-attrici. Illi l-istess ghandu japplika ghall-vettura tal-ghamla Toyota f'isem l-attrici.

Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-kont bankarju intestat fuq isem l-attrici u l-flejjes hemm depozitati ghandhom jibqghu jappartjenu lilha, filwaqt li l-kont bankarju intestat fuq isem l-intimat ghandu jibqa' jappartjeni lilu.

Fir-rigward il-hames talba, din il-Qorti tara illi l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni illi s-sehem indiviz tal-attrici mill-fond 13, Eva House, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun huwa propjeta' parafernali taghha. Illi mid-dikjarazzjoni causa mortis a fol 80 et seq tal-atti fl-atti tan-Nutar Dr Maria Roberta Galea Mamo, jidher illi omm l-attrici giet nieqsa fit-28 ta' Dicembru 2017, b'dana illi l-unika werrieta taghha hija l-attrici. Illi mill-imsemmi att jirrizulta illi l-attrici wirtet tlett kwarti tal-fond su indikat. Illi gialadarba din il-propjeta ghaddiet ghand l-attrici *per via* ta' wirt, din hija meqjusa bhala propjeta' parafernali tal-attrici.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi Muscat Conti u Kavtaradze ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut nomine;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kull jedd ghall-manteniment;**

3. **Tilqa' it-tielet talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

    i. **Tassenja l-kont bankarju ezistenti intestat f'isem l-attrici lill-attrici, flimkien mal-kontenut kollu tieghu;**
    ii. **Tassenja l-vettura tal-ghamla Toyota registrata fuq isem l-attrici lill-istess attrici;**
    iii. **Tiddikjara illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li f'isimha hu intestat.**

4. **Tilqa' r-raba talba u u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

5. **Tiddikjara illi s-sehem li wirtet l-attrici mill-fond 1 Eva House Triq il-Kanonku**

**Bonnici , Hamrun, huwa propjeta' parafernali tal-attrici.**

**Tordna illi l-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**